# Rajtu jikber u jiżviluppa

Laurence Mizzi



Meta ġejna noqgħodu Raħal Ġdid fl-1942, wara sentejn li għamilna l-Gudja fejn konna morna mill-Birgu meta faqqgħet il-gwerra, Raħal Ġdid kien ħafna differenti milli hu llum. Min-naħa ta' fuq il-bini kien jasal sa Triq is-Sorijiet. Flok il-flats tal-Gvern, il-ground Schreiber (illum Pace Grasso), l-iskola Ġużè Damato u l-bqija tal-bini l-ieħor kien hemm biss raba'. It-Triq ta' Ħaż-Żabbar, dak iż-żmien magħrufa bħala t-Triq tal-Liedna, kienet triq dejqa li sserrep u twassal sal-Fgura b'xi binja 'l hawn jew 'l hemm. Triq il-Benniena u l-Ġnien kienu għadhom wied. Il-knisja parrokkjali, illum tempju maestuż, kienet għadha nofsha mibnija. Faċċata kien għad hemm il-loġġa tal-Gran Mastru de Paule li kienet isservi ta' każin tal-Hibs. Bejn naħa u oħra tal-pjazza ma kien hemm xejn. Mill-ġenb bħal-lum kienu jgħaddu l-karozzi u fl-ispazju tan-nofs filgħaxija kienu jiltaqgħu ż-żgħażagħ joqgħodu jippassiġġaw u "jinnamraw" bil-ħars.

Fix-xhur wara li tbiegħdet il-gwerra minn xtutna, l-għadd kbir ta' djar battala (minbarra dawk il-ftit li kienu ġarrbu xi ħsarat) imtlew bin-nies, kważi kollha mill-Cottonera li ma setgħux jerġgħu lura fi djarhom li kienu ġġarrfu. Ħlief b'xi eċċezzjonijiet żgħar, dawn iddeċidew li jixħtu l-ankri tagħhom hawnhekk. U l-popolazzjoni splodiet – kienet taqbeż sew l-10,000 ruħ.

Bil-mod il-mod, dawn issetiljaw daqslikieku kienu Pawlisti. Madankollu qatt ma nsew l-għeruq tagħhom. L-ommijiet, il-missirijiet, in-nanniet u l-ulied il-kbar baqgħu jħossuhom leali lejn il-belt li fiha kienu twieldu u kibru. Dan kienu juruh, uħud minnhom, billi kienu jixgħelu l-gallarijiet ta' djarhom nhar il-festa tal-qaddis patrun ta' belthom; il-Bambina, il-Kunċizzjoni jew San Lawrenz. Drawwa li baqgħet sakemm dawn baqgħu ħajjin. Iżda għal uliedhom li twieldu jew trabbew hawn, il-festa tagħhom hija waħda: dik ta' Kristu Re.

Meta ġejna hawn 74 sena ilu, il-parroċċa kienet għadha ddedikata lill-Qalb ta' Ġesù (kif jidher mill-kwadru titulari tal-knisja ta' Santa Ubaldesca). Il-purċissjoni nhar il-festa kienet, bħalma wara kollox hija llum, waħda devota, bis-Sagrament. Iżda ftit snin wara, meta t-talba li kienet saret mill-parroċċa ġiet milqugħa mill-awtoritajiet tal-Knisja, it-titular tal-parroċċa sar Kristu Re, festa li kienet bdiet tiġi ċċelebrata fil-Knisja universali fl-1925.

Għall-bidu l-festa ta' Kristu Re kienet issir (kif għadha tiġi ċċelebrata mill-Knisja universali) f'Ottubru. Iżda minħabba t-temp tal-Ħarifa u x-xita li tinżel (darba minnhom il-purċissjoni kellha titħassar) il-festa, mill-1955 ġiet trasferita għar-raba' Ħadd ta' Lulju. Iżda dik is-sena niftakar, ftit kienu ġew nies għall-festa minħabba li dakinhar f'Bormla ċċelebraw il-50 anniversarju tal-inkurunazzjoni tal-istatwa tal-Kunċizzjoni u naturalment il-Bormliżi li kienu l-aktar numerużi, niżlu għall-festa ta' pajjiżhom.

*Jissokta f'paġna 159*

*Ikompli minn paġna 157*

Iżda dik kienet eċċezzjoni u minn dakinhar sal-lum il-festa ta' Kristu Re baqgħet tikber u tiżviluppa, u ċ-ċelebrazzjonijiet interni u esterni, l-armar tat-toroq, il-marċi u l-logħob tan-nar ma huma xejn inqas minn dawk ta' bliet u rħula oħra bi tradizzjoni antika.

Il-festi huma parti mill-kultura tagħna l-Maltin u l-Għawdxin. Bħalma huma l-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira, tal-Għid il-Kbir u oħrajn. U għalhekk dan huwa wirt tant li għandna ngħożżu u nibżgħu għalih. Inkunu tassew boloh u ħatja jekk dan il-wirt tant għażiż, li ħadnih saħansitra f'pajjiżi oħra fejn emigraw ħutna, intebbgħuh u nhedduh b'piki bla sens, li joħolqu firdiet flok iġibu l-għaqda u b'esaġerazzjonijiet waqt il-marċi li aktar huma marbuta ma' ċerti karnivali milli ma' qaddisin.

Nawgura minn qalbi li l-festa ta' Kristu Re tkompli tikber u tibqa' tkun okkażjoni u mezz ta' ferħ li tgħaqqad lil ulied u lir-residenti ta' dan ir-"Raħal" li jibqa' dejjem Ġdid, kollha sudditi leali tas-Sultan li ġie fostna biex jiżra' l-imħabba u l-għaqda.

9.6.2016

